SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 22/K10/25

Data tal-laqgħa: 28 t'Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Patricia Camilleri – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II
Daniel Galea - Accountant

Preżenza tal-pubbliku – (4)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba

**22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

21.1.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li tkun skużata għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

21.1.02 Saret sospensjoni tal-Aġenda sabiex tkun diskussa l-materja:

**22.8 Quarterly Financial Statements as at 31st March 2024**

22.8.01 L-accountant ta spjegazzjoni ta' dan id-dokument (Ara Appendiċi 'A').

22.8.02 Wara l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, għaddew għal vot. Erba' kunsilliera vvutaw favur, ħadd ma ivvota kontra u erba' kunsilliera astjenew minħabba li f'dak il-perjodu tar-rapport ma kienux jagħmlu parti minn dak il-Kunsill.

22.8.03 Għalhekk l-Quarterly Financial Statements as at 31st March 2024 ġew approvati.

**22.9 Quarterly Financial Statements as at 30th June 2024**

22.9.01 L-accountant ta spjegazzjoni ta' dan id-dokument (Ara Appendiċi 'B').

22.9.02 Wara l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, għaddew għal vot. Erba' kunsilliera vvutaw favur, ħadd ma ivvota kontra u erba' kunsilliera astjenew minħabba li f'dak il-perjodu tar-rapport ma kienux jagħmlu parti minn dak il-Kunsill.

22.9.03 Għalhekk l-Quarterly Financial Statements as at 30th June 2024 ġew approvati.

**22.10 Quarterly Financial Statements as at 30th September 2024**

22.10.01 L-accountant ta spjegazzjoni ta' dan id-dokument (Ara Appendiċi 'Ċ').

22.10.02 Wara l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, Wara l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, għaddew għal vot. Seba' vvutaw favur, ħadd ma ivvota kontra u kunsillier astjena minħabba li ma kienx kunsillier fl-ewwel nofs tas-sena 2024 għalhekk iħoss li m'għandux jieħu vot għal dan ir-rapport meta ma kienx preżenti fil-perjodu ta' qabel.

22.10.03 Għalhekk l-Quarterly Financial Statements as at 30th September 2024 ġew approvati.

**22.6 Budget 2025**

22.6.01 L-accountant ta' spjegazzjoni tal-budget għas-sena 2025 (Ara Appendiċi 'D').

22.6.02 Wara diskussjoni u mistoqsijiet mill-Kunsilliera, l-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

22.6.03 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci ssekonda.

22.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**22.7 Business Plan 2025 - 2029**

22.7.01 L-accountant ta' spjegazzjoni tal-Business Plan 2025 – 2029 (Ara Appendiċi 'E').

22.7.02 Wara diskussjoni u mistoqsijiet mill-Kunsilliera, l-Viċi-Sindku Sean Gauci ppropona l-approvazzjoni.

22.6.03 Il-Kunsillier Mario Amaira ssekonda.

22.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament

**22.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 21/K10/25.

22.2.02 Il-Kunsillier David Caruana fir-rigward il-punt 21.4.18 ġibed l-attenzjoni li għandu jiżdied il-kliem 'l-Kunsillier David Caruana li kien responsabbli mid-dekasteru tal-isport ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.' U jiżdied ukoll li 'l-Kunsillier Caruana kien issuġġerixxa ukoll li jsir parkeġġ f'każ li ssir pixxina'. Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-Kunsillier David Caruana ma kienx preżenti għal laqgħa mal-Perit minħabba li fil-laqgħa li kien imiss kien ser jinbidel id-dekasteru tiegħu u flok sports jingħata Turiżmu u Business Entities. Għalhekk iċ-Ċermen u l-Perit iltaqgħu mal-Kunsillier Carlo Mifsud minħabba li kien ser jingħata d-dekasteru tal-isport fil-laqgħa ta' wara. Iċ-Ċermen qal ukoll li jekk xi darba il-proġett jiġi atwat, dan ser jkun jinkludi parkeġġ.

22.2.03 Il-Kunsillier David Caruana ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti

22.2.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekonda.

22.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**22.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

22.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6612 sa' 6622 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'F' u 'Ġ').

22.3.02 Il-Kunsillier David Caruana oġġezzjona għal pagament ta' Natasha Deguara minħabba li l-kuntrattur skond it-tender għandu jibagħat *workplan* bix-xogħol li sar matul ix-xahar ma' kull invoice li tintbagħat. Għalhekk ġie deċiż li l-Kuntrattur għandu jiġi nfurmat li għandu jibda jibagħat *workplan* kull xahar mal-pagament kif ukoll għandha tinġibed l-attenzjoni tiegħu dwar ix-xogħolijiet li huma miktubin fid-dokument tat-tender u mhux qed isiru kif suppost.

22.3.03 Dwar it-tender tal-accountant, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fuq is-sistema tal-epps, t-tender tal-accountant għadu eveluation minħabba l-fatt li s-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien kien ħallih hekk u Segretarju Eżekuttiv ta wara ma setatx tirranġa minħabba li l-ewwel Segretarju kien miet.

22.3.04 Il-Kunsillier David Caruana qed jagħti dokument b'dikjarazzjoni min-naħa tiegħu u talab li din tkun mehmuża mal-Minuti (Appendiċi 'G').

22.3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħareġ tender jew kwotazzjoni għal servizz ta' Accountant. Għalhekk ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv ser ġġib kwotazzjonijiet però qabel għandu jiġi ċċekkjat mad-dipartiment ikkonċernat jekk il-Kunsill jistax joħroġ Direct Order f'dan il-każ peress li għadhom qed jingħalqu l-finanzi ta' snin ta' qabel. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel direct order f'każ li d-dipartiment konċernat jikkonferma li tista' ssir.

22.3.06 Wara diskussjoni l-Kunsilliera għaddew għal vot dwar l-iskeda tal-pagamenti fejn seba' vvutaw favur, ħadd ma ivvota kontra u kunsillier astjena minħabba raġuni li ngħatat fil-punt 22.3.02.

22.3.07 Għalhekk l-Pagamenti ġew approvati.

22.3.08 Dwar il-Purchase Request Sheets, l-Kunsill qabel unanimament.

**22.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

22.4.01 Fir-rigward l-kwistjoni tal-istreet naming committee fir-rigward l-art li qed jipproponu li tiġi mal-konfini ta' Pembroke, c-Ċermen informa lill-Kunsilliera preżenti li ġiet s-sottomessa r-risposta mill-Kunsill li din saret bl-għajnuna tal-Avukat. Kopja ta din l-ittra għandha tintbagħat lill-Kunsilliera kollha.

22.4.02 Ic-Ċermen ressaq għal attenzjoni tal-MOU tal-latrini u tal-knis però nforma lill-Kunsill li għaddej il-proċess min-naħa tal-Clean Malta sabiex iġibu l-approvazzjonijiet min-naħa tagħhom ukoll. Dwar il-latrini ġew nfurmati li latrini tal-Balluta ser jiġu rranġati u ser jsiru b'2 bibien – wieħed ghan-nisa u wieħed għall-irġiel. Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-Awtorità' tat-Turiżmu ser jibda jħallas l-*overtime* tal-impjegat li jkun mal-latrini mit-8 ta' fil-għaxija sas-1 ta' filgħodu.

22.4.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq il-bankini f'ċerti postijiet diġà lesti però f'ċertu toroq għad fadal ix-xogħol tat-tarmak fit-toroq.

22.4.04 Il-Kunsillier David Caruana ġab għal-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Ross fejn is-sidien ta' take-aways fil-viċin qed jitolbu li tiġi rranġata l-bankina biex ikunu jistgħu joħorġu xi *platform*. Wara kuntatt mal-Pulizija, r-risposta kienet li bħala Kunsill ma noħorġux permess temporanju u li s-sidien għandhom japplikaw mal-Lands Department. Però' bħala Kunsill qabel unanimament li jekk is-sidien jirranġaw il-bankina kif inhi illum, il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

22.4.05 Fir-rigward l-ittra ta' Triq Patrick Brydone, c-Ċermen qara l-ittra lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li għandu jiżdied il-kliem 'One direction fl-ittra u għandha tintbagħat mill-aktar fis possibbli. Bħala żmien biex jagħtu r-risposti tagħhom ir-residenti għandhom jingħataw sa' l-aħħar ta' Novembru.

22.4.06 Il-Kunsilliera ġew nfurmati mill-Kunsillier Carlo Mifsud li l-idea li jkun hemm pixxina fil-Kumpless Dun Anton Sciberras nħarġet mil-laqgħa li saret mal-Perit Bezzina. Ġibed l-attenzjoni ukoll li l-parkeġġ dejjem kien inkluż fil-proġett, pool u grawnd tal-footsall. Il-Kunsillier Carlo Mifsud ser jaħdem fuq Business Plan ta dan il-Kumpless biex meta naraw li jkollna l-finanzi adekwati, l-Kunsill ikun jista' japplika għal permessi neċessarji. Il-Kunsill qabel li għalissa l-Kunsill għandu jirranġa l-Kumpless kif kien deċiż oriġinarjament jiġifieri kif inhi l-pjanta llum. Il-Perit diġà mexxa l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Urban Development Fund biex jibda l-proċess biex isir dan il-proġett.

22.4.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera dwar il-laqgħa li kellu fir-rigward il-Flood Monitoring li qed issir f'San Giljan mal-Flood Monitoring Unit.

22.4.08 Iċ-Ċermen informa wkoll li t-talba tal-Kunsill dwar Triq il-Fraxxnu ma ġietx milqugħa min-naħa ta' Transport Malta u kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-Kunsillier David Caruana biex hu jitkellem mar-residenti li għamlu din it-talba.

22.4.09 Dwar il-beachfest, c-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li għandha ssir laqgħa mal-entitajiet nvoluti sabiex jiġi propost li din l-attività għandha tibda ssir fl-ewwel weekend t'Awwissu. Din il-materja ser tkun qed tiġi diskussa ukoll waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Attivitajiet.

22.4.10 Dwar l-attività tal-Milied ġie deċiż li l-post fejn ssir l-attività għandu jiġi mibdul għal Triq San Ġorġ quddiem Mercury u d-data tal-attività għandha tkun it-13 ta' Diċembru.

22.4.11 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kumitat tal-attivitajiet għandha ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Novembru 2025 fil-5.00 ta' filgħaxija.

22.4.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru 2025 ser issir *static car show* quddiem Mercury Towers u din qed tkun tiġi organizzata b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Ic-Ċermen ippropona li għandha ssir attività għar-residenti tal-lokalita' b'kollaborazzjoni ma' Mercury Towers.

22.4.13 Fir-rigward il-Ġnien Spinola u l-artiklu li deher fil-gazzetta nhar il-Ħadd 26 t'Ottubru 2025, ċ-Ċermen nforma li għamel kuntatt mal-ġurnalista konċernata u qed jistenna li jsir artiklu ieħor bil-kummenti tiegħu kif ukoll il-kummenti ta' rappreżentant ta' Project Green.

22.4.14 Dwar il-*hedging* tal-promenade, c-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li saret talba lill-Awtorità tat-Turiżmu sabiex jibda jħallas il-manutenzjoni ta' dan il-*hedging* minħabba li l-kumpanija li kienet responsabbli għalihom ser tieqaf.

22.4.15 Il-Kunsill ġie nfurmat li r-Regjun Lvant ser jagħti allokazzjoni ta' flus fir-rigward it-tender tad-dawl tal-Milied u għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur ikkonċernat.

22.4.16 Dwar il-ħitan ta' Ta' Giorni is-Segretarju Eżekuttiv informat dwar il-proċess li qed issir.

22.4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat istruzzjonijiet lill-Kunsilliera kif ukoll nfurmatom *b'Memo* interna li ser tkun qed tintbagħat kopja lill-Kunsilliera kollha (Ara Appendiċi 'GĦ').

22.4.18 Inġibed korrispondenza ta' Transport Malta għal-attenzjoni tal-Kunsill fir-rigward l-ordni li ngħata l-Kunsill sabiex jitwaħħlu bollards fi Triq Sant'Andrija kif toħroġ minn Triq Ivo Muscat Azzopardi. Il-Kunsill iddeċieda li wara li jitwaħħlu dawn il-bollards għandu jtella fuq Facebook fejn jispjega li l-Kunsill ma jaqbilx ma dawn il-bollards minħabba li għal ftit metri, il-karozzi ser ikollhom jgħaddu miċ-ċentru tal-lokal u b'hekk jkunu qed joħolqu *noise* u *air pollution* u żieda fit-traffiku.

22.4.19 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar artiklu li deher fuq gazzetta lokali fuq Xatt is-Sajjieda u ġie deċiż li għandha tintalab laqgħa mas-Sajjieda kkonċernati. Qabel ssir din il-laqgħa il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar il-permessi preżenti tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-imsemmija area. Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando talab li tintbagħat ittra lil LESA biex il-Kunsill jiċċekkja jekk il-cameras ta Xatt is-Sajjieda għadhomx jaħdmu minħabba li f'Xatt is-Sajjieda qed ikun hemm ħafna karozzi. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir oġġezzjoni għal PA 6221/25 sabiex l-area għandha tibqa iktar miftuħa minħabba x-Xatt u *slipway*.

22.4.20 Iċ-Ċermen nforma li l-Perit ta' Infrastructure Malta nfurmah li x-xogħolijiet tat-tħaffir li kellu jitkompla wara s-sajf ser jitkompla dalwaqt.

22.4.21 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-Kappillan offra s-sala tal-Parroċċa b'xejn sabiex jibda jsiru sessjonijiet ta' Pilates għar-residenti. Ġie deċiż li kull persuna li tixtieq tattendi għandhom jiġu mitluba 5Euro għal kull sessjoni u m'għandux ikun hemm aktar minn 20 persuna f'kull sessjoni. Dawn għandhom isiru darba fil-ġimgħa.

22.4.22 Dwar il-festa ta' San Patrizju, ċ-Ċermen nforma li saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' uħud mill-istabbilimenti u dawn għandhom jipproponu s-suġġerimenti tagħhom għal festa ta' San Patrizju li jmiss.

22.4.23 Iċ-Ċermen nforma lill Kunsilliera dwar ix-xogħolijiet li ser isiru fl-uffiċċju amministrattiv.

22.4.24 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier Victor Vella u l-iskrivan Luke Saliba attendew ghal-*launch* tal-ktieb ta' Fr. Hilary Tagliaferro u ġew nfurmati li nxtrat kopja ta' dan il-ktieb għal-Kunsill.

***22.5 Talbiet żgħar:***

**22.05.01 Email dwar proposta għall-passaġġ f'Ta' Giorni**

22.05.01.01 Ic-Ċermen ressaq email li l-Kunsill irċieva dwar proposta għall-passaġġ f'Ta' Giorni u qed l-Kunsill ġie nfurmat li għadu qed jistenna risposta mingħand Project Green.

**22.05.02 Proposta mir-Regjun Lvant għal attività ta' kant fi żmien il-Milied fil-Knisja tal-Kunċizzjoni**

22.05.02.01 Dwar l-email fir-rigward l-attività tal-kor il-Kunsill ġie nfurmat b'din l-attività'.

**22.05.03 Email mingħand ir-Regjun Lvant għal-Magna Żmien**

22.05.03.01 Ic-Ċermen nforma dwar dan il-proġett u ġie deċiż li din tiġi aċċettata u jsir laqgħa magħhom.

**22.05.04 Talba mingħand l-Għaqda Spinola**

22.05.04.01 Ic-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill email mingħand l-Għaqda Spinola fejn ntbagħat invit għal-Kunsilliera għall-kunċert tal-Milied kif ukoll talba biex l-ammont ta' 1500Ewro jiżdied minħabba li l-ispejjeż qed jiżdiedu. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena l-ammont għat-tlett baned ser jitla għal elfejn Ewro.

**22.05.05 PA/06306/25**

21.05.05.01 Fir-rigward il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar PA/06306/25, l-Kunsill qabel li għandha ssir l-oġġezzjoni msemmija.

**22.05.06 Talba ghal-*Memorial bench* fil-lokalita.**

22.05.06.01 Iċ-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsilliera b'talba sabiex isir *memorial bench* ġewwa l-lokalita'. Ġie deċiż li dan il-bank jsir f'Ta' Giorni ħdejn l-ATM.

**22.05.07 Email dwar il-proġett PA/3218/25**

22.05.07.01 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li rċieva telefonata u email mingħand is-Sur Mario Fava, President tal-AKL fejn ġie mitlub jekk għal bord tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn kien ser jittieħed vot fuq l-applikazzjoni tal-proġett tad-DB għandhux ikun preżenti hu jew s-Sindku ta' Pembroke. Ir-risposta tiegħu kienet li peress li fil-bord

oriġinali deher is-Sindku ta' Pembroke, għalhekk hu ħass li l-Kunsill ta' Pembroke għandu jibqa' jkun preżenti hu u jivvota hu.

**22.05.08 Email mingħand l istreet naming committee dwar l-ismijiet triq u ta' ġnien.**

22.05.08.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proposta biex tissemma Triq Karl Gouder u l-Ġnien Naħla Maltija ġew aċċettati.

**22.05.09 Talba għal kumpens fi Triq Censu Tabone**

22.05.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandha tintbagħat lill Avukat u l-Kunsill jimxi fuq il parir tal-Avukat.

**22.05.10 Talba għal kumpens fi Triq Wilġa**

22.05.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandha tintbagħat lill-Avukat u l-Kunsill jimxi fuq il-parir tal-Avukat.

**22.05.11 Applikazzjoni biex jintwerew il-logħob tal- World Cup fil-Ġnien Spinola**

22.05.11.01 Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-applikazzjoni tiġi aċċettata bil-kundizzjonijiet bħal tas-sena l-oħra

**22.05.12 Applikazzjoni biex jintwerew il-logħob tal- World Cup f'Xatt ta' Spinola**

22.05.12.01 Ġie deċiż li l-applikazzjoni tiġi aċċettata bil-kundizzjonijiet bħal tas-sena l oħra

**22.05.13 Email rigward l-attività ta' Donninu**

22.05.13.01 Ġie deċiż li din l-attività għandha tiġi reklamata fuq titla fuq facebook għal interess tan-nies. Jekk ikun hemm konkorrenza l-Kunsill għandu jipprovdi trasport.

**22.05.14 Email dwar l-użu tal-pixxina ta' SportMalta**

22.05.14.01 Wara diskussjoni ġie deċiż li din ma tiġix aċċettata minħabba li l-Kunsill diġà għandu l-iskema għall-użu tal-Pool tan-Neptunes fil-lokalita' stess.

**22.05.15 Talba għal ġemellaġġ ma' Sofia**

22.05.15.01 Ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom sabiex jsiru attivitajiet kulturali minflok isir ġemellaġġ minħabba li l-Kunsill diġà għandu ġemellaġġ ma' lokalita' oħra.

## 22.6 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.06.01 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci talab li tintbagħat *reminder* lit-Transport Malta dwar l-iskema tar-*residential parking* peress li l-Kunsill għadu bla risposta sa meta din ser tkun *on-hold* kif ukoll reminder lill-Perit kkonċernat minħabba li wara li saru x-xogħolijiet fi Triq Mikiel Ang Cagiano, l-barriers baqgħu ma twaħħlux sabiex f'każ ta' inċident il-Kunsill ma jkunx jista' jinżamm responsabbli. Ġibed l-attenzjoni ukoll li l-fencing tal-Ġnien f'Ta' Giorni fejn qed issir il-proġett ta' Project Green qed jaqa bir-rih, fejn l-Kunsillier David Caruana nfurmah li diġà ġie rranġat. Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni ukoll li għadu ma sarx aċċess temporanju għal bankina fl-istess proġett tal-Ġnien f'Ta' Giorni.

22.06.02 Il-Kunsillier Victor Vella ressaq li *guesthouse* fi Triq Lapsi ser tkun qed tiftaħ cafeteria u l-Kunsill għadu jiċċekkja dwar dan filwaqt li ġie nfurmat li fir-rigward l-injection tal-influwenza l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda informazzjoni.

22.06.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando talab informazzjoni dwar il-maratona li kellha ssir f'isem Karl Gouder u ġie nfurmat li c-Ċermen ser jgħaddi n-numru tal-kuntatt ta' diversi persuni lill-Kunsillier Carlo Mifsud sabiex ikun jista' jieħu l-azzjoni neċessarja. Ġie deċiż l-hajt fi Triq Dun Guzepp Xerri għandu jinfetaħ mill-aktar fis possibbli.

22.06.04 Il-Kunsillier David Caruana ġieb għal attenzjoni tal-Kunsill email dwar fondi tal-LESA (Ara Appendiċi 'H') u ġie deċiż li l-Kunsill ser jiċċekkja u filkas għandu japplika.

22.06.05 Il-Kunsillier Victor Vella telaq fid-21.19

22.06.06 Il-Kunsillier David Caruana ġab għal-attenzjoni tal-Kunsill is-sitwazzjoni tad-*double yellow lines* fi Triq Spinola u ic-Ċermen ta l-ispjegazzjoni neċessarja.

Il-Kunsillier Caruana ġie nfurmat li fir-rigward il-problema tad-dawl li hemm f'Paceville il-Kunsill qed jiċċekkja mad-dipartiment ikkonċernat filwaqt li ġie nfurmat ukoll li l-Kunsill qed jistenna risposta mingħand l-ERA dwar is-siġra ta' ħdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni.

22.06.07 Il-Kunsillier David Caruana telaq 21.20

22.06.08 Il-Kunsillier Carlo Mifsud informa lill-Kunsill dwar li fis-siġar fi Triq Patrick Brydone kibru ħafna u qed jostakolaw il-bankina.

22.06.09 Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni li fi Triq Lapsi hemm siġra kbira ħierġa mill-Ambaxxata Ċiniża filwaqt li ġibed l-attenzjoni wkoll li l-bankina ħdejn il-U Bistro fi Triq Censu Tabone u Triq Wied Għomor tiżloq.

Il-Kunsillier Amaira talab li l-Kunsill jagħmel manutenzjoni tal-għajn taż-żwiemel fil-Pjazza Spinola u jinbidel l-arloġġ ta' ħdejn l-għajn ukoll u jsiru żewġ bankijiet wieħed kull naħa.

22.06.10 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci telaq fid-21.33

**22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

22.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 18 ta' Novembru 2025 fl-5.00p.m.

22.11.02 Il-laqgħa ntemmet 21.45p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 18 ta' Novembru 2025**